MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 62

## 10 ta` Ottubru 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fis-siegha u nofs ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

### 62.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Ma kienx hemm ittri ta` Apologija.

### 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 59(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

### 62.3 Korrispondenza

62.3.1 Giet prezentata korrispondenza li ntbaghtet mill-project leader tal-Progett Solida fejn talab lill-Kunsill Lokali tal-Birgu jekk jaqbilx li ssir l-assoccjazzjoni bejn il-partners kollha ta` dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

62.3.2 Prezentati kwotazzjonijiet tal-patching fi Triq Bettina u fi Triq il-Kunvent li jammontaw ghall €3,400 u ghal xoghol fuq sprall fi Triq il-Mina l-Kbira ghal prezz ta` €60. Dawn gew approvati minn dawk prezenti.

62.3.3 Prezentata kwotazzjoni u disinn tal-bollards li ser ssiru fi Triq Desain u Triq il-Kardinal. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-bollards ser jinghataw lill-Kunsill ghal prezz ta` 80Euro – il wahda. Kien hemm qbil unanimu li jinxtraw 36 bollard.

62.3.4 Moqrija korrispondenza li ntbaghtet lill-Perit Mireille Fsadni dwar dwal li mhux qed jixeghlu fil-Foss tal-Birgu. Il-Kunsill talab sabiex din il-hsara tigi rragnata fl-iqsar zmien possibli.

62.3.5 Prezentata stedina li waslet ghand l-istess Kunsill sabiex nippartecipaw fi quiz li ser ssir fuq il-programm televiziv bl-isem Wara Nofsinhar. Bi qbil unanimu gie deciz li jmorru ghal dan il-programm il-Vici-Sindku, s-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard.

62.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ser jigbor l-injection tal-influwenza nhar it-18 ta` Ottubru.Il-Kunsill idecieda li l-injection tinghata bejn il-21 u 23 ta` Ottubru 2018.

62.3.7 Gie prezentat id-disinn proponut tan-nicca tal-kurcifiss, fejn il-Kunsill qabel mall-istess disinn u gie rrakomandat li jsir xi tibdil zghir. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgha mall-partijiet kollha nvoluti.

62.3.8 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-Assoccjazzjoni AVEC dwar l-laqgha generali li ser ssir gewwa Mertola, Portugal bejn 7-9 ta` Novembru, 2018. Bi qbil unanimu gie deciz li ghal din il-konferenza jattendu s-Sindku, s-Sur John Boxall u l-kunsillier, is-Sur Lawrence Attard.

62.3.9 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-Assocjazzjoni Unity in Diversity ghall-konferenza li ser ssir ghas-Sindki minn diversi pajjizi madwar id-dinja. Is-Sindku talab sabiex minhabba li huwa ma jistax jattendi, tintbghat is-Sinjura Lorraine Spiteri tirraprezenta lill-Kunsill u dan ghal fatt li s-Sinjura Spiteri diga` marret is-sena ta` qabel. Dwar dan il-proponiment kien hemm qbil unanimu. Din il-konferenza ser ssir bejn l-4 u 8 ta` Novembru 2018.

62.3.10 Prezentata l-invoice tal-kumpanija ACe20 li hadet hsieb il-progett YIEPS, liema progett il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien il-lead partner. Il-Kunsill hallas lill-kumpanija ACe20 is-somma ta` €3,050 ghax-xoghol li sar minn naha taghhom sabiex il-Kunsill seta` ghamel dan il-progett.

62.3.11 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-producer tal-programm Bieb u Ghatba li jixxandar fuq Net Tv, fejn urew ix-xewqa li l-programm tal-Hadd 14 ta` Ottubru jixxandar mill-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

62.3.12 Prezenata korrispondenza dwar hlasijiet ta` kontijiet tad-dawl u l-ilma mill-Kunsilli Lokali. Din il-korrispondenza ntbaghtet mill-Asssocjazzjoni tal-

Kunsilli Lokali. Dawk prezenti qabblu li l-Kunsill jiehu din l-inizjattiva ghal beneficcju tar-residenti specjalment dawk anzjani.

62.3.13 Mibughta ittra minn naha tal-Classic Sports Car Club Malta fejn urew l-interess li jtellu car show il-Hadd 29 ta` Ottubru 2018 fil-Pjazza tal-Birgu. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li din l-attivita ma tistax ssir minhabba attivitajiet ohra li ser ssir marbutin mall-Pink October u ghalhekk ghandha tinstb gurnata ohra.

62.3.14 Prezentata l-kwotazzjoni ta` xoghol ta` zbir ta` sigar u xoghol iehor relatat, kif ukoll bini tac-cint fil-Housing Estate tal-Hawli. Il-kwotazzjoni tammonta ghall- €4,400. Dawk prezenti approvaw din il-kwotazzjoni.

62.3.15 Mibughta ittra lis-Sur Brian Sullivan mir-Rotary Club, fejn l-Kunsill talab sabiex tinghatalhu ghajnuna finanzjarja sabiex ikun jista jirestawra zewg persjani li hemm fuq in-naha ta` wara tal-entratura principali tal-Berga ta` Franza.

62.3.16 Mibughta Cirkulari SPI3/2018 dwar Skema ta` Taghlim u Progetti Edukattivi fil-Komunita.

62.3.17 Mibughta korrispodenza mill-Kunsill Lokali ta` Bormla sabiex rapprezentant mill-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghmel parti minn Bord Indipendenti biex jintaghzel il-persuna li ser tiehu Gieh Bormla 2018. Hadd mill-membri tal-Kunsill ma wera interess.

62.3.18 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill gab 6 monitors minghand il-Ministeru ta` Transport, u fejn l-istess Kunsill ghamel talba sabiex jgib aktar monitors.

62.3.19 Mibughta stedina ghall-konferenza annwali bl-isem *"Sharing the Legacy"* mtella mill-Valletta 18 li ser ssir bejn l-24 u is-26 ta` Ottubru 2018 ghal hlas ta` €50.

62.3.20 Moqrija korrispondenza dwar sejha ghall-offerti tal-kuntratt tat-tiswija ta` dawl ta` toroq  mibughta mir-Regjun Xlokk. Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ma jaqbilux imur mar-Regjun. Kien hemm qbil minn dawk prezenti.

62.3.21 Prezentata notifika li ntbaghtet lir-residenti tal-lokalita dwar l-attivita tal-World Clean Up Day li telghet fil-15 ta` Settembru 2018.Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-attivita saret uli kien hemm diversi zoni li gew mnaddfa mill-volontiera.

62.3.22 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand is-Sinjura Alexandra Bondi dwar installazjoni ta` sea bins fit-tlett ibliet tal-Kottonera. Is-Sindku spjega li l-Kunsill gie mitlub jaghti sponsor sabiex jinxtraw dawn il-bins fi tlett lokalitajiet. Dwar dan il-Kunsill jaqbel li jigu nstallati bins bhal dawn imma l-Kunsill ma jistax jaghti l-ebda sponsor.

62.3.23  Mibughta korrispondenza dwar inizjattiva kontra r-rilaxxar tal-bziezaq, fejn wara diskussjoni l-Kunsill decieda li ma jippartecipax f`din l-inizjattiva.

62.3.24  Mibughta korrispondenza dwar l-applikazzjoni ta` European Week for Waste Reduction. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunisll japplika ghal din l-inizjattiva.

62.3.25 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li gie ssugerriet sabiex issir sleeping policeman fejn il-klabb tal-Bocci.

62.3.26 Is-Sindku prezenta korrispondenza li l-Kunsill ircieva mis-Supretendent dwar il-kaz tal-lanca gewwa Sally Porte. Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li lanca tnehhiet b`ordni tal-qorti.

62.3.27 Mibughta ittra mis-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar il-Berga tal-Ingliterra fejn esprimew id-diqa taghhom li ser jigi nstallat lift fil-bitha ta` din il-Berga minhabba li ser ssir Day Centre.

62.3.28 Mibughta Cirkulari 7/2018 dwar Shubija fil-Local Action Groups (LAGs).

62.3.29 Prezentata korrispondenza li Kunsill rcieva minghand l-HSBC dwar donazzjoi ta` 50Euro ghall-attivita tal-Birgufest 2018. Is-Sindku qal donazzjoni bhal din il-Kunsill ma stennija qatt u talab sabiex din tinghata lura.

62.3.30 Gie prezentat ilment li wasal ghand il-Kunsill dwar madum mkisser fuq il-bankina ta` Triq Pawlu Boffa, ezatt taht il-bridge. Is-Sindku talab sabiex tingab kwotazzjoni ta` xoghlijiet.

62.3.31 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li sa` 30 ta` Gunju 2018 il-Kunsill ghandu €61,622.86 UIF Funds.

62.3.32 Mibughta ittra mis-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar il-ktieb gwida *"Four Walks in a Historic City"*, fejn rringrazzjaw il-Kunsill ta` din l-inizjattiva.

62.3.33 Gie pprezentat il-*Kottonera –Pjan ta `Strategija.*

62.3.34 Mibughta ittra lis-sidien tal-hwienet kollha li l-hinijiet tal-un/loading tal-Pjazza sar mis-sitta ta` filghodu sa` siegha ta` wara Nofsinhar.

62.3.35 Mibughta stedina dwar laqgha ta` konsultazzjoni pubblika li ser ssir nhar il-Gimgha 26 ta` Ottubru 2018 fis-sitta u nofs ta` filghaxija fl-iskola Primarja tal-Birgu.

62.3.36 Mibughta korrispondenza dwar Night Walk li ser tibda minn fejn Villa Bighi u tispicca fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa nhar il-Gimgha 19 ta` Ottubru 2018. Dwar dan il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni.

62.3.37 Mibughta korrispondenza dwar il-Malta Marathon li ser ssir fil-Birgu u f`Bormla bejn il-Hamis 25 u l-Hadd 28 ta` Ottubru 2018. Is-Sindku nforma lil

dawk prezenti li huwa diga kellu laqgha mall-organizatturi dwar din il-maratona.

62.3.38 Gie prezentat il-kuntratt li gie ffirmat dwar l-installazjoni tal-bankijiet f`Couvre Porte (Belvedere).

62.3.39 Giet prezentata korrispondenza dwar progett bl-isem WIVAS, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa partner f`dan il-progett. L-ewwel konferenza ta` dan il-progett ser ssir gewwa Vignanello l-Italja. Il-Kunsill qabel b`mod unanimu li ghal din il-konferenza jattendu s-Sindku, s-Sur John Boxall u l-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard.

62.3.40 Prezentata l-istima li ntbghatet lill-Supretendent tal-Ghassa ta` Bormla tax-xoghol li sar ghal qlugh u thawwil ta` sigar godda fejn sar l-incident meta nharqu tlett karrozzi fi Triq San Lawrenz.

62.3.41 Moqrija Cirkulari 6-2018 dwar Regolament dwar Attivitajiet li jehtiegu permess mill-Kunsill Lokali.

62.3.42 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand id-Diparitment tal-Gvern Lokali dwar hsara li saret f`vettura fi Triq Salle Porte minhabba l-istat ta` Triq. Is-Sur Boxall spjega li hafna minn hsara li hemm saret meta kien qed issir il-progett tar-restawr mir-Restoration Unit.

62.3.43 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti b`zewg progetti li l-Kunsill wera interess li jkun partner fihom. Dawn il-progetti jaqghu taht il-programm Europe for Citizens.

62.3.44 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill wera nteress f`zewg progetti li jaghqu that l-Erasmus +, wiehed bl-isem "*Get Storied*" u iehor bl-isem "*Starting Up"*

62.3.45 Mibughta korrispondenza dwar il-monti ta` kull nhar ta` Tlieta, fejn il-Kunsill gie nfurmat li minhabba li xoghlijiet li ser ssiru fil-Cottoner Sport

Complex ser ikollhom jitnehhew xi bejjiegha tal-monti u jinstabilhom post iehor alternattiv. Waqt laqha li saret bejn Sports Malta, il-Kunsill tal-Birgu, il-Kunsill ta` Bormla u rapprezentant minn Ministeru gie suggeriet li dawn il-bejjiegha jitpoggew fil-Housing Estate tal-Hawli. Dwar dan il-Kunsill ma qabilx peress li ser johloq inkonvenjent kbir ghar-residenti.

62.3.46 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill bghat lill-Jobsplus sabiex tintbghat il-lista ta` dawk il-kanditati li jirregistraw taht Part III u dan ghal fatt li l-Kunsill ghadu ma sabx persuna li timla l-post vakant.

62.3.47 Prezentat il-poster tal-attivita li ser titella miz-zmien tal-Milied bl-isem Natale al Collachio. Din l-attivita ser titella mill-ghaqda TEN08 flimkien mall-Kunsill Lokali Birgu. Din l-attivita ser ssir fiz-zona tal-Collachio bejn il-21 u 22 ta`Dicembru 2018. Il-Kunsill qabel unanimament li joffri servizz ta` dawl. Barra minnhekk gie deciz li mhux ser ikun possibli li tintuza l-kantina tal-Berga ta` Franza imma ser jinghata permess biex tintuza l-bitha tal-Berga tal-Ingliterra.

62.3.48 Prezentati l-applikazzjonijiet tal-mwejjed u siggijiet tal-hanut D Centre u tal-kazin tal-Labour. Is-Sindku zied jghid li kopja ta` dawn id-dokumenti ser jinzamu l-Kunsill wara li nqaghlu diversi diskussjonijiet fuq it-tqeghid ta` mwejjed u siggijiet fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa. Is-Sindku qal li mad-dokumenti li nghataw mill-hanut D Centre ma kienx hemm il-permess tal-PA u ghalhekk il-Kunsill ser jitlob lis-sid il-hanut biex jinghata lilu dan id-dokument. Is-Sindku zied jghid li l-permessi hargu mill-Awtoritajiet kkoncernati f`dan ir-rigward. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

62.3.49 Gie prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill Lokali tal-Birgu li sar matul ix-xahar ta` Settembru 2018. Dan gie approvat minn dawk prezenti.

**62.4 Birgufest 2018**

Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ghandu kollox preparat ghall attivita. Rigward jekk l-attivita hux ser tithassar minhabba l-maltemp, is-Sindku qal li wiehed ghad irid jara kif ser jizvolgu l-affarijiet dakinhar.

**62.5 Attivitajiet ghal Matul il-Granet tal-Milied**

62.5.1 Is-Sur Boxall talab sabiex bhas-sena l-ohra, terga` ssir harga ghat-tfal ghal matul dawn il-granet tal-Milied.

**62.6 Il-Party tal-Milied ghat-Tfal**

62.6.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-party ta` tfal tal-Milied ser ssir il-Gimgha 14 ta` Dicembru. Il-party ser ikun ghat-tfal ta` bejn it-3 u l-10 snin u ser ssir fis-sala tal-Berga ta` Franza.

**62.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

62.7.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Awtorita ta` Turizmu kienet approvat talba tal-Kunsill sabiex jinghatlhu fondi biex ikun jista` jixtri litter bins, dog bins, information panels u l-kotba Four Walks.

**62.8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

62.8.1 Is-Sur Lawrence Attard qal li hemm xi palm tal-bajtar fil-Munument tal-Helsien li qed johrog ghan-nofs ta` triq u qieghed ferm perikoluz, sabiex dan jitnehha.

**62.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4369 sa` BOV 4424 u Bank Transfer u cekkijiet bin-numri, HSBC 9732 sa` HSBC 9737. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 6 ta` Settembru 2018 sad-9 ta` Ottubru 2018.

**62.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar (4.30pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 22 ta`Ottubru 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum Tnejn 12 ta` Novembru 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |